Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

Lulju 2018

# L-effett negattiv fuq l-ambjent meta jittajru l-bżieżaq




**Mario Fava**

President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Lulju

# Kontenut

L-effett fit-tul tal-Bziezaq ........ 2
X' INHU L-AKBAR IMPATT NEGATTIV? ........ 2
X' jista' il-pajjiż jadotta biex jonqos dan l-impatt? ........ 3
X' jistgħu jkunu l-alternattivi ? ........ 3
Wasal iż-żmien fejn għandna inkunu Pro-Attivi ........ 4

AKL

# L-effett negattiv tal-bżieżaq fuq l-ambjent

Għal diversi snin, ir-rilaxx ta' bżieżaq f' okkazjonijiet speċjali kienu u għadhom meqjusa bħala mezz ta' ċelebrazzjoni jew biex jonoraw il-memorja ta' xi ħadd li jkun ħalliena.

Kważi tista' tgħid li għal tul ta' żmien dan il-ġest kien fil-prattika minn għadd ta' nies, entiatjiet u saħansitra skejjel. Kienet u jista' jkun li għadha wkoll l-użanza li jittajru bżieżaq waqt attivitajiet sportivi jew attivitajiet ta' ċelebrazzjoni oħra. Tista' tgħid li peress li fid-dehra jagħmlu atmosfera pjuttost sabiħa, ħafna jagħmlu użu minnhom bħala attrazzjoni waqt xi festeġjamenti bħal waqt xi tieġ, festi jew saħansitra funerali.

Wiehed irid jgħid pero li minkejja kull intenzjoni tajba ta' dawk li jieħdu ħsieb li jorganizzaw attivitajiet simili, dawn jonqsu milli jaħsbu jew jikkonsidraw x' jiġri minn dawn il-bżieżaq la darba dawn jinfaqgħu u jaqgħu lura fl-art jew l-ibħra tagħna. Meta jiġri dan partikolarment fl-ibħra, ir-rizultati fuq il-ħajja marittima huma devastanti.

## L-effett fit-tul tal-Bziezaq

Dawn il-bżieżaq jagħmlu impatt negattiv fuq il-ħajja marittima tagħna. Dan għaliex dawn jinżlu fi xmajjar, għadajjar kbar, oċejani u fi xtutna. L-effett huwa l-istess bħal meta narmu l-plastik barra fit-toroq tagħna jew inkella fil-baħar. Il-materjal li bih ikunu magħmula l-bżieżaq jieħu snin biex jiddiżintegra dan japplika ukoll għal dawk il-bżieżaq li l-produtturi jirriklamawhom li huma *environmental friendly*.

Meta dawn il-bżieżaq jinżlu fl-ilma, kemm jekk jinfaqgħu jew inkella ikunu għadhom minfuħa, l-apparenza tagħhom hija simili ħafna għal bram jew kull xorta ta' ħajja oħra fl-ibħra li minn fuqhom jgħixu kreaturi oħrajn; bħal ħut ieħor, fkieren u dniefen. Dan iwassal dan il-materjal jittikel bil-konsegwenza li jeħel fis-sistema diġestiva ta' dawn il-ħlejjaq u li jwassal għal mewta kiefra u fit-tul.

### X' INHU L-AKBAR IMPATT NEGATTIV?

Hu kkalkulat li minn tal-inqas 10% tal-bżieżaq rilaxxati ma jinfaqgħux u għaldaqstant jerggħu jinżlu lura minfuħin. L-akbar impatt ikun fuq l-ghasafar, dniefen, fkieren u baleni.

Diversi pajjiżi barranin, speċjalment l-iStati Amerikani u anki fir-Rejnu Unit, għarfu dan l-impatt negattiv u addottaw liġijiet apposta li jimpedixxu milli jsir użu ta' bżieżaq kif imsemmi aktar 'il fuq.




# X' jista' il-pajjiż jadotta biex jonqos dan l-impatt?

Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa eżempju ċar ta' 'littering'. B'loġika, jekk aħna narmu xi ħaġa fl-art jew barra, min jinqabad jiġi mħarrek għax qed iħammeġ. Minkejja dan, jekk intajru bużżieqa fl-arja li hi magħmulha minn plastik li dan għadnu l-istess effett ta' plastik ieħor mormi fl-art, ma jiġri xejn. Anzi nippromovu din il-prattika biex niċċelebraw!

Dan m'għandux isir u għandu jkun hemm leġislazzjoni sabiex dan ukoll jiġi meqjus bħala rimi ta' skart barra. F' dan ir-rigward, nappella li hekk kif bħalissa qegħdin fi żmien ta' konsultazzjoni pubblika dwar emendi fil-liġi tar-rimi tal-iskart, issir emenda fejn it-tali użu ma jibqax ittollerat u jkunu jistgħu jittieħdu passi dixxplinarji għal min jikser il-liġi. Nifhem li din mhix xi ħaġa li tista' ssir mil-llum għal għada imma ikun possibli li jkun hemm qbil wara li ssir il-konsultazzjoni meħtieġa.

Tajjeb li sakemm isir dan, oggetti simili jig impost fuqhom xi tip ta' taxxa sabiex tiskoragixxi familji jaghmlu uzu minnhom, dan fid-dawl li hemm diversi alternattivi x' wiehed jista' jaddotta.

# X' jistgħu jkunu l-alternattivi ?

Hemm diversi alternattivi għal użu tal-bżieżaq.

Wieħed jista' jsemmi lit-tfal li huma sinonimi ħafna maċ-ċelebrazzjonijiet fejn jittajru l-bżieżaq. Mod ta' kif tista' tinħoloq l-istess atmosfera mingħajr riperkusjonijiet ambjentali huwa billi jintużaw bżieżaq tas-sapun, li minnbarra li xorta joħolqu ambjent ferrieħi, dawn jispiċċaw fix-xejn fl-arja wara ftit ħin u għaldaqstant ma jħallu l-ebda impatt.

Alternattiva oħra tista' tkun messaġġi ta' tifkira. Flokk wieħed jikteb messaġġi fuq bżieżaq jew inkella fanali magħmluha mill karti, wieħed jista' juża' flixken żgħar fejn fihom, dawk prezenti jiktbu xi messaġġ għall-okkażżjoni. Aparti li huwa simbolu sabiħ dan jista' jinżamm u l-memorji miktuba tibqa' bħala tifkira.

AKL

Għal kuntrarju tal-użu tal-bżieżaq u theddied ambjentali li dan iġib miegħu, wieħed jista' isebbaħ l-ambjent biex jikkomemora xi avveniment, bħal pereżempju; jitħawlu xi pjanti jew siġar. B' dan il-mod inkunu qed nagħtu xi ħaġa lura lin-natura u nikkontribwixxu għal tisbieħ ambjentali fejn bih igawdi kulħadd.




Dawn huma biss ftit eżempji li bihom wieħed jista' jikseb l-istess atmosfera ta' ferħ u ċelebrazzjoni mingħajr ma jinħoloq impatt negattiv fuq l-ambjent. Nemmnu li hemm diversi aktar modi li bi ftit immaġinazzjoni u kreattivita' wieħed jista' jilħaq l-istess aspettattivi filwaqt li anki jgħin lil ambjent b' għotja ta' aktar siġar u pjanti jew anki affarjiet oħra magħmulin minn materjal riċiklat.

# Wasal iż-żmien fejn għandna inkunu Pro-Attivi

L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali tifhem u hi konxja ta' din il-ħsara li ssir u tixtieq tagħti s-sehem tagħha biex flimkien dejjem inħarsu l-ambjent, Propju din is-sena li fiha qed niċċelebraw il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu l-istess Kunsilli li jagħtu eżempju lill-komunitajiet oħra fil-lokal rispettiv. Mhux biss li niffirmaw dikjarazzjoni simbolika kontra l-użu tal-bżieżaq imma jkunu l-Kunsilli stess li jiprojbixxu dan l-użu waqt attivitajiet mtella' mill-Kunsill.

Nemmen ukoll li rridu mmorru pass aktar 'il boghod ukoll. Dan billi kull Kunsill Lokali, jintrabat li jagħmel l-istess ħaġa mal-għaqdiet, każini jew organizazzjonijiet oħra fil-lokal rispettiv tiegħu. Dan sabiex b' hekk kull għaqda fil-lokalitajiet tagħna tkun imsieħba f' dan il-fthiem sabiex inħarsu dejjem aktar l-ambjent tagħna. Dan ifisser ukoll li bħala Kunsilli Lokali ma nkunux qed nagħtu peremssi fil-konfini tagħna għal attivitajiet li jkunu ser jagħmlu użu minn rilaxx ta' bżieżaq.

Nemmen li dan il-ġest għandu jkun ta' eżempju li għandu jieħdu kulħadd u Pajjizna jkun minn ta' quddiem mill-Pajjizi Ewropej li jgħaddi leġislazzjoni f' dan ir-rigward. Bla dubju ta' xejn li minkejja ċ-ċokon tagħna aħna nistgħu inkunu wkoll pijuniri f' din l-implimentazzjoni u ħarsien ambjentali.

Għaldaqstant, qed inħeġġeġ lil kull Kunsill Lokali sabiex jiddikjara l-interess tiegħu f' din l-inizjattiva bil-ħsieb li fil-ġimgħat li ġejjin, issir press conference bl-iffirmar ta' dan il-fthiem.

Dan ser ikun iffirmat flimkien mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Sostenibbli u tibdil fil-Klima. Dan sabiex anki l-Gvern, ikun qed jintrabat li jingħaqad mall-inizjattiva tal-Assoċjazzjoni u għalhekk naħdmu fuq implimentazzjoni nazzjonali.

Filwaqt li nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom, insellmilkom.

**Mario Fava**

**President**

AKL